# TORRI RUMAN F' TA' ĠAWHAR

Fil-parroċċa tagħna, ma' ġenb it-triq li tinżel lejn Ħal-Far u qrib fejn tispiċċa r-*runway*, fil-post imsemmi Ta' Ġawhar, għad baqa' l-fdalijiet ta' bini ċkejken iżda uniku f'Malta. Dan huwa torri ta' żmien ir-Rumani, u huwa l-uniku bini ta' dawk iż-żmenijiet li għad baqagħlu xi ħitan weqfin. Dan it-torri ġie skavat f'Ottubru 1960, flimkien ma' ieħor li jinsab f'Ta' Ċieda (S. Ġwann). Torrijiet oħra bħalhom baqa' traċċi tagħhom f'Tal-Bakkari (Iż-Żurrieq), Tal-Wilġa (L-Imqabba), u f'Binġemma.

Is-sejbiet li saru fihom, speċjalment minn Ta' Ġawhar, juri biċ-ċar li dawn kienu torrijiet Rumani, mibnijin biex, f'każ ta' ħbit, jiddefendu t-toroq li mix-xtut kienu jitilgħu lejn il-belt ewlenija ta' *Melita* (L-Imdina). Fi żmien ir-Rumani Marsaxlokk kien il-port ewlieni ta' Malta, u t-triq minn hemm għall-Imdina kienet tgħaddi minn ħdejn Ħal-Safi.

Mhux magħruf eżatt meta ġew mibnija t-torrijiet. L-istudjużi jaħsbu li inbnew xi snin qabel Kristu: jew waqt il-gwerer bejn ir-Rumani u l-Kartanġiniżi (il-Gwerer Puniċi) xi 200 sena Q.K., jew inkella bejn is-snin 100 u 50 Q.K. meta l-baħar Mediterran kien miżgħud bi flotot kbar ta' pirati li saħansitra kienu jaħbtu għall-flotot Rumani.

It-torri Ruman f'Ta' Ġawhar għandu tifsira doppja għalina: huwa wirt importanti fih innifsu, speċjalment minħabba l-istat tajjeb li għadu jinsab fih, u fuq kollox jorbotna aktar mill-qrib man-nies komuni tal-qedem għax kien iservi bħala d-dar ta' familja ta' ħaddiema Maltin.

It-torri ta' Ta' Ġawhar għandu għamla tonda b'dijametru ta' kważi 15-il metru, u ħitan ħoxnin 3 metri. Sa ftit taż-żmien ilu kien għoli aktar minn 6 metri, iżda meta ġie mnaddaf fl-1976 twaqqgħu xi blokki minnu. Minn ġewwa t-torri kien maqsum f'numru ta' kmamar żgħar mifrudin b'ħitan mibnijin minn ġebel maqtugħin bi preċiżjoni kbira: dan il-ħajt għadu jidher sa għoli ta' 3 metri. B'kollox l-intern kien maqsum f'ħamest ikmamar żgħar. F'waħda mill-kmamar kien hemm ukoll żewġ ħofriet maqtugħin ġol-ħajt li kienu jservu bħala bank tal-kċina. Is-saqaf kien mibni bi travi tal-injam mgħottijin biz-zkuk u t-tafal, u mkaħħal minn ġewwa. Ftit 'il bogħod hemm ukoll ġibjetta b'qies ta' 4.75 x 2.15 metri, u fonda 2.80 metri: fiha żewġ pilastri li fuqhom kienu jistrieħu ċ-ċangaturi tas-saqaf.

It-torri ma tantx dam jintuża għal skopijiet militari: fi żmien Kristu l-imperu Ruman kien mifrux madwar il-baħar Mediterran kollu u ma kienx hemm aktar gwerer. Għalhekk it-torri għadda f'idejn familja ta' bdiewa Maltin li kienet tużaħ bħala dar. Dam jintuża sa madwar is-sena 300 W.K., meta ġie meqrud nin-nar. Fost is-sejbet li ħalliet dik il-familja fit-torri instabu misluta misluta tad-deheb, żewġ bramel ċkejknin, mannara tal-ħadid, munita tal-bronż ta' żmien l-imperatur Awreljanu (270 - 275 W.K.), u l-fdal ta' ħobża kkarbonizzata min-nar li qered lit-torri. Dawn il-fdalijiet nistgħu narawhom fil-Mużew li hemm fil-Villa Rumana (Ir-Rabat).

**Alfred Curmi B.A. (Hons.)**

